# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 15 ta' Ottubru 2017
It-28 Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tmienja u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nagħrfu aktar l-importanza tal-Ewkaristija li niċċelebraw flimkien.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 25, 6-10a)

Alla huwa preżenti fost il-poplu tiegħu.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 22 (23), 1-3a.3b-4.5-6)

Ngħammar f'dar il-Mulej sakemm indum ħaj!

**It-Tieni Qari** (Fil 4, 12-14.19-20)

Alla jqawwi lil dak li jemmnu fiH u jagħtihom is-saħħa biex jegħlbu l-ħażen.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 22, 1-14 (Mt 22, 1-10))

Permezz tal-parabbola tal-festa tat-tieġ, Ġesù jfiehem x'inhi s-Saltna tas-Smewwiet u min huma dawk li jmorru fiha.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Ejjew inkomplu niċċelebraw din l-Ewakristija billi nressqu l-ħobż u l-inbid f'riġlejn l-artal.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Ejjew nersqu ħdejn il-mejda li Kristu ħejjielna sabiex aħna nitmantnew biH.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.